Dok 97

**Rapport tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali u l-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa dwar l-Istrateġija Nazzjonali għall-Prevenzjoni tas-Suwiċidji f'Malta 2025–2030**

**Ottubru 2025**

---

Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali u l-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa għamlu numru ta' laqgħat b'mod konġunt sabiex jiddiskutu s-saħħa mentali. Il-laqgħa tal-14 t'Ottubru 2025 kienet iddedikata għall-Istrateġija Nazzjonali għall-Prevenzjoni tas-Suwiċidji f'Malta 2025-2030 u kienet intiża sabiex jiġi diskuss id-dokument u jkunu jistgħu jingħataw l-osservazzjonijiet tal-kumitat konġunt lill-Ministeru kkonċernat.

F'din il-laqgħa kienu preżenti:

L-Onor. Romilda Zarb (President, Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa)

L-Onor. Katya De Giovanni (President, Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali)

L-Onor. Ramona Attard

L-Onor. Albert Buttigieg

L-Onor. Graziella Galea

L-Onor. Davina Sammut Hili

L-Onor. Ian Vassallo

Il-President tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tat spjegazzjoni konċiża dwar il-pilastri li fuqhom ġie bbażat id-dokument. Wara din l-introduzzjoni, kompliet diskussjoni bejn il-membri preżenti, li b'mod ġenerali qablu li l-istrateġija tagħti bażi tajba għax-xogħol meħtieġ f'dan il-qasam. Mid-diskussjoni ħarġu dawn il-punti:

- L-istrateġija għandha tinkludi oqsma lil hinn minn dak tas-saħħa mentali, sabiex jingħata servizz iktar ħolistiku;
- Għandu jkun hemm mekkaniżmi ta' monitoraġġ sabiex ikun jista' jiġi evalwat jekk ix-xogħol li qed isir huwiex qed ikun ta' suċċess;
- Meta għandek oqsma differenti qed jaħdmu flimkien, irid ikun iktar ċar min se jieħu responsabilta', min ser jagħmel ċertu xogħol u kif ser issir l-implimentazzjoni;
- Hemm bżonn li jkun hemm post ġdid għall-kura tas-saħħa mentali;
- Irid ikun hemm linji gwida ċari ta' x'għandu jsir u min għandu jmur fuq il-post f'każ ta' emerġenza;
- Meta jkun hemm każ ta' suwiċidju, hemm bżonn li jiġi mixtarr għaliex seħħ, sabiex dan ikun ta' għajnuna għal iktar prevenzjoni;
- Hemm bżonn li wieħed jipprevjeni ċertu siti li għandhom tendenza li jkunu iktar użati minn oħrajn;
- L-istrateġija għandha tinkludi l-impatt tal-midja soċjali fuq is-saħħa mentali;
- Hemm bżonn li tiġi żviluppata struttura ta' ħaddiema li jkunu speċjalizzati fuq is-suġġett;

- L-Università ta' Malta għandha tingħata r-riżorsi meħtieġa biex eventwalment ikollna biżżejjed nies li jaħdmu f'dan is-settur;
- Il-kura medika fil-qasam tas-suwiċidju għandha dejjem tinżamm aġġornata ma' dak li qed isir barra minn Malta, partikolarment fil-qasam tal-prevenzjoni;
- Hemm bżonn ta' riċerka nazzjonali li jkollha wkoll il-parteċipazzjoni ta' nies li jużaw is-servizzi – hekk jiġi aċċertat li r-riċerka tkun ħolistika u li tinkludi l-bżonnijiet ta' min ser juża s-servizzi;
- Is-soċjetà qed tinbidel minn waħda relattivament insulari u kwalunkwe servizz irid jieħu f'konsiderazzjoni dawn il-bidliet sabiex tiġi offruta l-għajnuna li verament hemm bżonn;
- L-istrateġija għandha tagħti attenzjoni lil persuni li jistgħu jkunu iktar vulnerabbli, persuni b'diżabilità u persuni LGBTIQ+ fost oħrajn;
- Bżonn ta' iktar involviment mill-Kunsilli Lokali sabiex jintlaħqu iktar nies;
- Iktar involviment mill-organizzazzjonijiet volontarji, minħabba li dawn ta' kuljum jiltaqgħu ma' nies li jkunu għaddejjin minn ċertu diffikultajiet;
- Għandu jkun hemm diskussjoni biex tingħata iktar għajnuna lill-organizzazzjonijiet volontarji sabiex dawn ikunu jistgħu joffru ċertu servizzi wara l-ħinijiet tax-xogħol;
- Nevitaw li jkun hemm xogħol doppju, speċjalment fejn jidħlu servizzi offruti minn organizzazzjonijiet volontarji jew riċerka dwar is-settur;
- L-istrateġija għandha tindirizza l-lakuna fejn jidħlu servizzi għal tfal ta' bejn l-14 u t-18-il sena;
- Hemm bżonn ta' iktar enfasi fuq *early intervention* u prevenzjoni, speċjalment mat-tfal;
- Iktar sinerġija bejn il-Ministeru tas-Saħħa, il-Ministeru tal-Politika Soċjali u l-Ministeru tal-Edukazzjoni, sabiex it-tfal jintlaħqu b'mod iktar ħolistiku;
- Iktar komunikazzjoni bejn il-ġenituri u l-għalliema sabiex student li jkollu diffikultajiet ta' saħħa mentali jiġi mgħejun minnufih;
- Id-dokument għandu jagħti importanza lill-kunċett ta' reżiljenza, partikolarment fit-tfal;
- L-istress fl-iskejjel, fuq il-post tax-xogħol u fil-ħajja personali qed jaffettwa s-saħħa mentali u għaldaqstant għandu jiġi inkluż fi kwalunkwe xogħol ta' prevenzjoni;
- Is-saħħa mentali għandha tiġi rikonoxxuta bħala diżabilità u għandu jsir iktar xogħol biex titneħħa l-istigma li għadha preżenti;
- Persuni li jbatu minn problemi ta' saħħa mentali mhumiex eliġibbli għall-istess għajnunijiet li jistgħu jieħdu persuni b'diżabilità rikonoxxuta u għaldaqstant iħossuhom iktar ta' piż fuq il-familji tagħhom – dan il-piż jista' jkompli jżid il-problemi ta' saħħa mentali u l-ħsibijiet ta' suwiċidju;
- Għandha ssir kampanja edukattiva sostenibbli li tagħti għarfien u twassal informazzjoni neċessarja lil min ikollu bżonn;

Dawn l-osservazzjonijiet li li ħarġu mid-diskussjoni li saret bejn il-membri tal-Kumitat konġunt, ser jiġu mgħoddija lill-Ministeru tas-Saħħa bil-għan li jittieħdu in konsiderazzjoni fix-xogħol li jrid isir f'dan il-qasam.